MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF**
**NOEL CUSCHIERI**

Seduta tal-11 ta' Jannar, 2012

Rikors Numru. 289/2011

Kawza fil-lista: 18

**A B**
**vs**
**C D**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors li permezz tieghu r-rikorrenti pprezentat u talbet hekk:

Illi hija zzewget lil C D nhar il-21 ta’ Gunju 2002 gewwa l-Knisja tas-Salib Imqaddes, Floriana;

Illi minn dan iz-zwieg huma ma kellhomx tfal;

Illi l-partijiet infirdu permezz ta' att pubbliku fl-atti tan-Nutar Joseph Abela nhar l-4 ta' Lulju 2007 u l-firda taghhom ghalhekk giet irregolata b' dan il-kuntratt;

Illi l-partijiet ilhom ma jghixu flimkien ghal aktar minn hames snin;

Illi m' hemm l-ebda prospett ragonevoli ghal rikonciljazzjoni bejn il-partijiet;

Illi l-partijiet diga' rrinunzjaw ghad-dritt taghhom li jesigu manteniment minghand xulxin u dan bis-sahha tal-kuntratt ta' firda taghhom hawn fuq imsemmi;

Ghaldaqstant, in vista tal-premess, din l-Onorabbli Qorti qieghda tigi mitluba bir-rispett sabiex:

1. Tippronunzja l-hall taz-zwieg tal-partijiet, liema zwieg sehh fil-21 ta' Gunju, 2002.

2. Tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fiz-zmien imholli ghal daqshekk mill-istess Onorabbli Qorti, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku.

Rat l-att tal-kawza;

Semghet il-partijiet bil-gurament;

Ikkunsidrat;

Illi dak premess u mitlub jinsab sodisfacentement provat, u ghalhekk it-talbiet attrici jimmeritaw li jigu milqugha.

Ghal dawn il-motivi, tilqa' t-talbiet tar-rikorrenti; u tippronunzja id-divorzju bejn il-partijiet; u tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex fi zmien xahar javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-decizjoni tal-partijiet sabiex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku.

Spejjez bla taxxa.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------